# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Mejju 2017**

**Numru 28**

**Rikors Numru 2351/99 LSO**

**Victor Spiteri**

**v.**

**Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u Korporazzjoni Enemalta u b'digriet tat-12 ta' Diċembru 2016 Enemalta plc assumiet l-atti tal-kawża minflok il-Korporazzjoni Enemalta u b'digriet tad-9 ta' Frar 2017 is-soċjetà Automated Revenue Management Services Limited assumiet l-atti tal-kawża f'isimha proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li ressaq l-attur fit-28 ta' Ottubru 1999, li jaqra hekk:

“Illi l-attur fis-sena 1990 fetah *supermarket* bl-isem V & F Supermarket fil-fond 65, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, f’ liema fond kellu stallat arlogg tad-dawl li l-korporazzjonijiet konvenuti jafuh bhala Account Number 012 58974 0, qabel 450 77010;

“Illi bejn is-sena 1990 u nofs is-sena 1994, l-attur kien regolarment jircievi l-kontijiet tad-dawl u ilma minghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, liema kontijiet kienu bazati fuq qari tal-arlogg fuq hames figuri, u l-attur kien puntwalment ihallas dawn il-kontijiet;

“Illi f’nofs is-sena 1994, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kitbet lill-attur u talbitu jhallas is-somma ta' hdax-il elf seba' mija u ghoxrin lira (Lm11,720) allegatament ghal konsum tad-dawl bejn Dicembru 1993 u April 1994 u dan gie segwit b'talba ohra ghal hlas ta' elf erba' mija u tliet liri (Lm1403) allegatament ghal konsum bejn April u Awwissu 1994;

“Illi meta l-attur ikkontesta dawn il-kontijiet, irrizulta li effettivament it-talbiet ghal hlas fuq imsemmija kienu jkopru l-perjodu shih ta' erba' snin bejn is-sena 1990 u s-sena 1994, u kienu l-konsegwenza ta' zbalji effettwati mill-impjegati tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fl-ipprocessar u hrug tal-kontijiet li matul dawk l-erba' snin ta' qabel kienu jintbaghtu lill-attur u li l-attur kien ihallas;

“Illi *nonostante* diversi ittri mibghuta liz-zewg korporazzjonijet konvenuti biex jintlahaq ftehim ekwu u gust, l-istess korporazzjonijiet baqghu inadempjenti u minkejja li, dak li gara kien b'konsegwenza tal-agir traskurat u negligenti fuq imfisser, huma offrew biss skont ta' elf lira Maltin (Lm1,000) fuq l-ammonti in kontestazzjoni;

“Illi l-attur irrifjuta tali skont ghaliex altrimenti kien isofri telf fin-negozju ta' *supermarket* in kwistjoni li hu kien jiggestixxi u jirregola skont il-kontijiet li hu kien jircievi, fosthom dak tad-dawl;

“Illi b'*fax* datat 21 ta' Ottubru 1999 (Dok A) il-Korporazzjoni Enemalta intimat lill-attur li fin-nuqqas ta' hlas sad-29 ta' Ottubru 1999, l-istess Korporazzjoni kienet ser tiehu passi skont ir-regolamenti taghha, liema passi l-attur fehem (kif gja ppruvat taghmel fil-passat) li l-istess Korporazzjoni kienet ser tissospendilu s-servizz tad-dawl sija fis-*supermarket* in kwistjoni u sija fid-dar residenzjali tieghu;

“Illi ghalhekk l-attur, li dejjem hallas il-kontijiet tad-dawl li rcieva u kwindi ma ghandu jaghti xejn lill-konvenuti ghall-perjodu in kwistjoni, ghandu nteress li din il-pretensjoni kontra tieghu taqa’.

“Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara li l-attur ma ghandu jaghti xejn lill-konvenuti ghas-servizz tad-dawl fil-fond V & F Supermarket, 65, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, ghall-perjodu minn meta gie stallat l-arlogg tad-dawl fis-sena 1990 sa Awwissu 1994;

“2. Tinibixxi lill-konvenuti milli minhabba l-kontijiet kontestati, jaqtghu l-provvista tad-dawl sija fil-fond fuq imsemmi u sija fid-dar residenzjali tieghu.

“Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri legali datati 28 ta’ Marzu 1995, 7 ta’ Lulju 1995, 5 ta’ Dicembru 1995, 15 ta’ April 1996, 15 ta’ Novembru 1996, 17 ta’ Marzu 1997, 14 ta’ Mejju 1997, 18 ta’ Settembru 1997, 2 ta’ Dicembru 1997, 13 ta’ Marzu 1998 u 12 ta’ Lulju 1999 kif ukoll tal-protest gudizzjarju tas-26 ta’ April 1995 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma konvenuta li in forza tagħha eċċepiet illi:

“1. Illi f’dan il-kaz hija agixxiet biss bhala mandatarja tal-Korporazzjoni Enemalta u ghalhekk m'ghamlet l-ebda pretensjoni jew talba f’isimha proprju kontra l-attur;

“2. Illi hija m'ghandhiex l-awtorita' bil-ligi sabiex tissospendi l-provvista tal-elettriku u m'ghanda l-ebda hsieb jew intenzjoni li taghmel dan;

“3. Illi ghalhekk hija m'ghanda l-ebda *locus standi* f’din il-kawza;

“4. Illi, ghalhekk, hija ghanda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u t-talbiet attrici fil-konfront taghha ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

“5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta konvenuta li in forza tagħha eċċepiet illi:

“1. Illi l-ammonti ndikati fic-citazzjoni huma dovuti lill-eccipjenti kif minnha pretiz fil-korrispondenza indikata mill-attur;

“2. Illi l-ligi stess taghti l-awtorita' lill-eccipjenti li tissospendi l-provvista tal-kurrent elettriku meta l-ammont minnha mitlub bhala hlas ghal tali provvista ma jithallasx;

“3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur;

"4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar, 2013, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens li ġej:

"… … … filwaqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tordna li l-attur ma ghandu jaghti xejn lill-konvenuti ghas-servizz tad-dawl fil-fond V & F Supermarket, 65, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema, ghall-perjodu minn meta gie stallat l-arlogg tad-dawl fis-sena 1990 sa Awwissu 1994; u

"**Tilqa'** wkoll it-tieni talba attrici u ghalhekk tordna li l-konvenuti m'ghandhomx jaqtghu is-servizz tad-dawl sija f'dan il-fond, sija fid-dar residenza tal-attur biex igeghluh ihallas dak li m'ghandux jaghti minnhabba il-kontijiet kontestati tal-provvista tal-ilma fil-fond V & F Supermarket, 65, Triq Sir Adrian Dingli, Sliema minn meta gie stallat l-arlogg tad-dawl fis-sena 1990 sa Awwissu 1994.

"L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti fi kwoti indaqs bejniethom."

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi permezz ta' din il-kawza, l-attur qed jitlob li jigi mehlus milli jhallas ammont pretiz kontrih mill-Korporazzjoni Enemalta naxxenti minn zewg kontijiet tad-dawl rispettivament ammontanti ghall-sebgha u ghoxrin elf u tlett mitt ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€27,300.25), gja hdax-il elf seba' mija u ghoxrin lira Maltija (LM11,720), u tlett elef, mitejn u tmienja u sittin ewro u hdax-il centezmu (€3,268.11) gja elf, erba' mija u tlett liri Maltin (LM1,403).Dawn il-kontijet gew ikkontestati minnu u ikopru il-perjodu minn meta gie stallat l-arlogg tad-dawl fil-fond *V & F Supermarket*, numru hamsa u sittin (65) fi Triq Sir Adrian Dingli tas-Sliema fis-sena 1990 sa' Awissu 1994. Per konsegwenza qed jitlob ukoll li l-konvenuti jigu inibiti milli, minnhabba l-kontijiet kontestati, jaqtghu l-provvista tad-dawl sija fil-fond fuq imsemmi u sija fid-dar residenzjali tieghu.

"Il-fatti ta' dan il-kaz graw hekk:

"L-attur fetah supermarket, *V & F Supermarket*, f'65, Sir Adrian Dingli Street Sliema fis-sena 1990. Minn mindu fetah sa nofs 1994, hallas regolarment kull kont tad-dawl u ilma li ircieva. L-ircevuti relattivi (Dokti VS1-VS9) huma esebiti fil-process (**DOkti VS1-VS9)**. B'sorprisa ghalih, f'nofs is-sena 1994, ircieva kont tad-dawl qawwi fl-ammont ta' LM11,720, illum €27,300.25 li gie segwit b'kont iehor ta' LM1,403, illum

€3,268.11 li kien ikopri il-konsum ghas-snin bejn 1990 u 1994. Meta talab spjegazzjoni u kjarifika, gie ammess mill-korporazzjoni Enemalta li l-kontijiet li kien jircievu ma kienux korretti minnhabba zbalji effettwati mill-impjegati tal-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma fil-qari tal-meter tad-dawl.

“L-attur ma waqfx hemm u fil-process hemm korrispondenza kopjuza bejn l-attur u il-Korporazzjoni Enemalta li bazikament tindika ix-xewqa tieghu li jasal ghall-ftehim fuq il-kaz. L-istess Korporazzjoni wasslet, minnkejja li ammettew l-izball[1] biex offrietlu trahhis ta LM1000 filwaqt li baqghet ferm fuq il-pretensjoni taghha li tircievi il-bilanc shih rimanenti fuq il-kontijiet kontestati, tant li baghtet nies biex jaqtghu id-dawl sia fis-supermarket u sia heddew li jaqtghu id-dawl fir-residenza tal-attur. Ghandu jinghad ukoll li l-Korporazzjoni uriet li kienet disposta tasal ghall-ftehim dwar modalita ta' pagament tal-bilanc dovut.[2]

“Peress li l-attur ma accettax din l-offerta s-saga sfortunatament kompliet sakemm gie intavolat Mandat ta' Inibizzjoni, u sussegwentement ipprezenta din il-kawza li tkopri l-arretrati pretizi ghall-perjodu minn meta gie stallat il-meter tad-dawl sas-16/8/1994, liema arretrati baqghu pendenti peress li l-attur dejjem hallas il-kontijiet sussegwenti.

“L-istess Korporazzjoni Enemalta issostni li gjaladarba jirrizulta korrett il-konsum tad-dawl mill-attur, allura il-hlas hu dovut altrimenti ikun qed igawdi minn beneficcju ingustament (jistaghna *cum alterius detrimento)*. Skont it-tezi ta' din is-socjeta`, l-attur irreka vantagg sal-lum minnhabba nuqqas fil-procedura tal-qari tal-meter peress li baqa’ jirrifjuta li ihallas dak li hu verament u korrettament dovut ghall-utilita li ikkonsma. Min-naha tieghu, l-attur isostni li jekk ikun kostrett ihallas l-arretrati pretizi, ser isofri dannu u pregiudizzju minnhabba zball tal-impjegati jew mandatarji tal-Enemalta. Dawn id-danni jikkonsistu f'telf minnhabba spiza imprevista meta, bhala negozjant, kien jgestixxi u jirregola in-negozju tieghu skont il-kontijiet u spejjez li kien jircievi, inkluz dawk tad-dawl. Il-Korporazzjoni Enemalta mhiex qed tikkontesta li sar zball fil-qari tal-*meter* peress li fit-tieni paragrafu tad-Dikjarazzjoni Guramentata jinghad hekk:

> "*Illi huwa fatt accettat mill-korporazzjoni esponenti illi l-qari tal-meter installat fil-fond ta' l-attur u cioe V & F Supermarket, f'Tas-Sliema, kien qed isir b'mod zbaljat min naha tal-meter readers, u dan ghal-perjodu bejn 1990 u l-1994.*"

“Dan ghalhekk, hu il-qofol tal-kwistjoni li tqeghdet ghall-gudizzju ta' din il-Qorti. L-involviment tal-Korporazzjoni ghas-Sevizz tal-Ilma hija sekondarja u ser tigi trattata iktar ‘il quddiem.

[1] Affidavit tal-attur f'para. 13 a fol.29.
[2] Ittra datata 11 ta APril 1995 a fol. 43 tal-process (DOK VS 13).

“L-attur esebixxa l-ircevuti kollha tal-kontijiet tad-dawl u ilma ghall-perjodu mid-19/12/1990 sal-14/12/1993 (DOKTI VS1-VS9 a fol. 30 sa 38 tal-process, li qabel kienu enumerati 29 sa 37). Dawn il-kontijiet juru konsum li jibda b'erba numri u jispicca b'registrazzjoni ta' hames numri. Kollha inhargu fuq kont numru 450 77010 fuq *Victor Spiteri, 65 Flat 1, Dingli Street, Sliema.*

“Ghall-perjodu mill-14/12/1993 sad-19/4/1994 hareg kont b'figura ferm oghla ta' LM11,721.542 mahdum fuq konsum ta' sitt figuri - 326631(DOK VS10 a fol. 39 tal-process, qabel fol 38). Dan il-kont jirreferi ghall-istess *account number,* cioe` 450 77010 (li wara sar 012 58974) u jinsab ghall-ewwel darba, intestat fuq *Victor Spiteri, V&F Supermarket, 65 Triq Sir Adrian Dingli, Sliema.* L-attur irceva kont iehor wara dan ghall-perjodu bejn April u Awissu 1994 (**DOK VS11** fil-process) li wkoll igib l-istess numru tal-kont.

“Victor Spiteri ipprezenta l-affidavit tieghu fejn spjega is-sistema li kien jopera ghall-hlas tal-kontijiet, liema hlas kien isir regolarment tramite l-*accountant*. Hu spjega li ghall-habta tal-Milied, kif juru l-istess ircevuti, kien jizdied il-konsum u dan kien dovut ghall-fatt li kien igib *freezers* zejda minn band'ohra biex izomm aktar xoghol, u kien jerga’ jnehhihom ghall-bqija tas-sena.

“Meta ircieva dawn l-ahhar kontijiet, l-attur mill-ewwel mar ghand il-Water Services Corporation li ikkonfermawlu li dawn l-ahhar kontijiet kienu dawk korretti. Hu spjega li "*Bejn is-snin 1990 u 1994 kont inhaddem erbgha minn nies go dan is-supermarket, inkluz xi part timers, u f'dan il perjodu ghalkemm kont nirregistra xi qliegh, dan il-qliegh ma kienx ikun wiehed kbir. Ghalhekk meta jiena sibt ruhi b'dawn il-kontijiet ma wicci indunajt li kieku jien kelli inhallas dawn il-kontijiet allura is-supermarket kien ikun hadem bit-telf f'dawn l-ahhar erba' snin.*"[3]

“Jirrizulta mhux ikkontestat li l-meters relattivi gew ezaminati u ma instab ebda hsara fihom - kienu qed jirregistraw tajjeb. (ara ittra indirizzata lill-attur mill Finance Manager ta' Enemalta a fol 6 tal-process fejn jghid "*Meter was also tested at Mr. Spiteri's two requests dated 28/29 June 1994. Meter was found correct under test.*") Lanqas hu ikkontestat li l-ahhar zewg kontijiet jirraprezentaw il-konsum li attwalment irregistra fis-supermarket imsemmi.

“Fil-kaz in ezami, ghalhekk, il-meter kien korrett, u kien jinqara mill-meter readers, impjegati tal-WSC. L-istess konvenuti, minnkejja li ammettew l-izball fid-dikjarazzjoni, sostnew li kien hemm okkazzjonijiet meta l-meter reader ma setax jaqra il-meter minnhabba li tpoggiet xi merkanzija quddiemu izda dan hu kontradett mill-kontijiet stess, li a fol 30-36 kollha juru il-*code* bin-numru "0" li l-impjegati tal-WSC spjegaw ifisser li l-meter seta' jinqara. Fid-dokumenti VS8 u VS9, il-code huwa

[3] Affidavit tal-attur para 6 a fol. 27

in-numru 5 li ifisser "arlogg ingumbrat", rapport li l-attur, u il-manager tieghu Joseph Borg, jikkontestaw. Anzi Joseph Borg kien iktar preciz. Dan ix-xhud afferma permezz tal-affidavit tieghu a fol. 64 tal-process li l-meters tad-dawl u ilma kienu "*appena tidhol gos-supermarket proprju livell il-fuq mit-tarag tad-dhul tieghu...meta kienu jigu il-meter readers jien kont dejjem immur u nifthilhom il-bieba halli huma ikunu jistghu jaqraw il-meter. Il-meter tad-dawl kien <u>at eye level... u ghalhekk pjuttost fl-gholi</u>"*[4] (Ara wkoll ritratti a fol 86-88 tal-process). Dan ix-xhud eskluda li l-meter seta kien ostakolat b'xi merkanzija ghaliex, aparti li kien sitwat fl-gholi, kien idahhal il-merkanzija minn bieb iehor.. u sahansitra tkun storjata f'basement. [5]

“Ma hemmx dubbju li l-qari tal-meter sar mill-impjegati tal-konvenuti u allura ma hemm ebda dell fuq l-attur li forsi zvija hu stess lill-Korporazzjoni. Kien il-meter reader li gabar il-qari, kiteb in-numri fuq ir-*record sheet* u ghaddihom lil min johrog il-kontijiet. Din il-procedura hija esklussivament wahda interna u il-konsumatur m'ghandu ebda kontroll fuqha.

“L-attur gustament ghalhekk isostni li dan kollu hu sforz ta' zball tal-konvenuti. Fl-affidavit tieghu xehed li "*Imbaghad gejna nfurmati minn rapprezentanti tal-WSC illi ir-raguni ta' dan kollu kien li kien qed isir zball mill-meter reader tal-istess Korporazzjoni illi ghall-erba' snin shah, minnkejja li l-meter li kelli kien meter ta' sitt numri, kien qed jirregistra r-reading bhala meter ta' hames numri.*"[6](Fatt ammess mill Enemalta kif fuq rilevat.)

“Skont l-attur wkoll, il-WSC zdied li seta kien li l-meter kien qed jinqara korrettement izda il-meter reader kien inizzlu hazin fuq il "kartuna", li hija il-karta li jimla meta imur lura il- WSC.

“Rinfaccjat b'dan il-kont qawwi l-attur ma setax isostni it-telf li kien ser jkollu u "*wara Dicembru tan-1994, u cioe` minn meta bdejt nircievi il-kontijiet bl-gholi, indunajt illi b'dawk il-kontijiet jien kont ser nkompli immur lura u ma nirkuprax l-investiment u allura hadt dawn il-mizuri: L-ewwel haga bdejt innaqqas il-frizi minn gos-supermarket, fit-tieni lok tfajt il-post ghat-twellija*."[7]

“Il-WSC ma ressqet ebda prova in kwantu li sostniet li tagixxi bhala agent tal-Enemalta fejn jikkoncerna l-elettriku. Il-konvenut Enemalta ipproduca l-*account keeper* u l-*meter reader,* impjegati tal-WSC, u amministrattrici fl-ufficcju legali tal-WSC.

“**Carmelo Briffa,** l-*account keeper,* l-ewwel dahal fil-procedura ta' qari tal-meter tal-ilma, izda ikkonferma li l-kontijiet esebiti a fol. 37 u 38 tal –

---

[4] Para. 3 tal-affidavit a fol. 64 tal-process.
[5] Affidavit ta' Joseph Borg a fol 64 para. 4.
[6] Affidavit tal-attur f'para. 7 a fol. 27.
[7] Affidavit tal-attur f'para.11 a fol. 28.

process (li gew ripaginati bhala fol 38 u 39) jirreferu ghall-istess post. [8] Ikkonferma li il-*code* bin-numri "0" ifisser "okay" filwaqt li in-numru "2" ifisser "past reading high" "ghax l-estimation kienet "over".[9] Hu ikkonferma li l-kontijiet antecedenti juru li l-meters kienu jinqraw u ma kienux imblukkati. [10] Madanakollu huwa interessanti li dan ix-xhud iddikjara wkoll li ma kienx hu l-*account keeper* tal-kontijiet in kwistjoni: "*id-Dipartiment dak iz-zmien ma kienx f'idejja."* Muri il-kont a fol 37 (illum fol 38) hu xehed "*Bhala kont hu tajjeb, ma tistax tghid li mhux tajjeb,"*[11]

"**Antonella Axisa** prodotta mill-Enemalta Corporation u amministrattrici fl-ufficcju legali tal-WSC spjegat li Victor Spiteri kien qed jircievi zewg kontijiet - kont 45077002 li kien johrog fuq il konsum tal-ilma biss fuq 65 Flat 1 Sir Adrian Dingli Street Sliema, u kont 4507702 li kien jintbaghad lil Victor Spiteri fuq V & F Supermarket. "*Iz-zewg kontijiet ghal perjodu li inhargu kienu qeghdin jigu imhallsin."* [12]. *"Nispjega li din is-sitwazzjoni inholqot il-ghaliex il-meter reader ta' dak iz-zmien, certu Victor Delia, jirrizulta li rrapporta li meta kien imur fuq il-post biex jaqra il-meter tad-dawl u tal-ilma kien jaqra biss il-meter tad-dawl ghaliex kien isib diffikulta biex jaqra il-meter tal-ilma."*[13] Hi esebiet minuta tal-verzjoni li ta Delia (DOK AA1 a fol. 120 tal-process). Din il-minuta hija biss *hearsay evidence*, *multo magis* meta il-meter reader, Victor Delia xehed *viva voce* Victor Delia.

"Din ix-xhieda, li turi sitwazzjoni ghal kollox imhawda almenu tikkonferma li l-meter tad-dawl hu dak indikat fil-kont 77010, mertu tal-kawza odjerna u din il-Qorti thoss li m'ghandhiex tiddelunga izjed dwar id-diffikultajiet riskontrati lil WSC fil-qari tal-meter tal-ilma li huma pjuttost ta' karattru ta' *red herring* f'dan il kaz.

"Din ix-xhud izda ikkonfermat li "*minn readings illi kien jaghti il-meter reader innifsu jidher li kien jikteb sitt cifri ghal kont 45077002 ghaliex ghar-rigward tal-kont 45077010 kien johrog reading b'hames cifri."*[14]

"Il-Qorti tosserva li DOK AA4 li huwa ir-*record sheet* tar-readings tal-kont in ezami hu intestat fuq "65 Flat 1 Dingli Street Sliema," izda l-isem Victor Spiteri hu mhassar u hemm ukoll codes imhassrin u korreguti. Dwar dan ma inghatat ebda spjegazzjoni minn ebda xhud. Ma hemmx indikazzjoni meta l-isem ta' Victor Spiteri gie mhassar u ghaliex. In-numru tal-meter hu J 1564 u il-*meter state* huwa indikat bil-kodici bin-numru "0" fuq seba' entraturi, jigifieri seta' jinqara u ir-*readings* huma identici ghal dawk imnizzlin fl-ircevuti esebiti mill-attur a fol 30-36 tal-process. A fol 130 imbaghad il-karta bin-numru tal-kont

[8] Xhieda registrata a fol. 100 tal-process.
[9] Xhieda registrata a fol. 98 tal-process.
[10] Xhieda registrata a fol. 103/104 tal-process.
[11] Xhieda registrata a fol. 104 tal-process.
[12] Xhieda registrata a fol. 127 tal-process.
[13] Xhieda registrata a fol. 127 tal-process.
[14] Dokti AA3 u AA4

450 77010 (li jissostitwixxi in-numru mhassar 77002) jirreferi ghall-meter bin-numru 417984 (numru differenti ghal dak indikat fuq dok AA4) u hu intestat fuq Victor Spiteri V & F Supermarket. L-ahhar numru *a tergo huwa ta' 328441 units* sa' Dicembru 1993 mentri il-kont a fol 39 juri total ta' 361798 bhala l-ahhar qari minn Dicembru 1993. Jigifieri il-Qorti tosserva li lanqas dawn it-totali ma jaqblu.

"Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda ta Victor Delia, il-*meter reader* protagonist f'din is-saga shiha. Qabel xejn tinnota li dan ix-xhud kien jaf sew fejn kienu il-meters tas-supermarket, u anke is-sit tas-suptermarket. Ikkonferma wkoll li kien ikun jista' jaqra il-meter tad-dawl[15] tant li xehed li l-meter tad-dawl kien fuq livell ghola mill-meter tal-ilma.[16] Xehed ukoll "wiehed jistenna li l-istess account number ikun jirreferi ghall-istess meter."

"Victor Delia, bhala meter reader, ma kellu x'jaqsam xejn mal-hrug tal-kontijiet. Rigward id-dokument a fol 130 tal-process, hu gharraf bhala l-ewwel kitba tieghu ghar-rigward tal-qari tal-meters tad-dawl u l-ilma dik hdejn it-timbru datata 9 ta' April 1991 u minn hemm 'il quddiem. Izda dan id-dokument jaghmel riferenza ghall-kont 77002 liema numru hu mbaghad imhassar u sostitwit bin-numru 77010. Ukoll f'dan ir-rigward il-Qorti m'ghanda ebda taghrif dwar meta u ghaliex saret din il-korrezzjoni. Dan id-dokument a fol 130 juri cifri li huma l-istess ghal **DOK AA3** li jirrigwarda il-kont 77002 u mhux il-kont in ezami. Anke in-numru tal-meters huma differenti. Rigward id-DOK AA4, li jirreferi ghall-kont 77010 (li huwa il-kont li fuqu hallas l-attur u sussegwentement hareg ir-*revised bill*) wkoll gharraf il-kitba tieghu ghall-qari tal-25 ta' April 1992 izda wara ma kienetx kitba tieghu.

"Il-korporazzjoni Enemalta ipproduciet lill-Victor Spiteri in kontro ezami. Mix-xhieda tieghu jirrizulta li kellu supermarket iehor fil-fond 59 Dingli Street, Sliema u li garr it-taghmir li kellu f'dan is-supermarket mieghu ghall-fond il-gdid u anke zied taghmir mieghu.[17] Minn kontijiet u ledger sheets esebiti mill-korporazzjoni, izda, jirrizulta li l-konsum tad-dawl ghas-supermarket 59 Dingli Street Sliema kien f'5 cifri a paragun tal-konsum registrat f'dokumenti VS1-VS10 li jindika konsum f'4 cifri minnkejja li dan is-supermarket kien "*ftit izghar"(xhieda ta' Victor Spiteri in kontro ezami a fol. 141) u kellha inqas taghmir.* L-istess attur in kontro ezami (fol 172 tal-process) spjega li kellu numru ta' *airconditioning units* fil-fond 59 Dingli Street Sliema u kien ihaddimhom anke bil-lejl. A paragun ma dan, il-fond V & F Supermarket kien igawdi minn diversi aperturi u ma kienx hemm bzonn ta' *airconditioning units*.

"Minn dan kollu johrog car li l-meter tad-dawl fuq il-kont 77010 kien jinqara, ma kienx imbaghbas, kien korrett, kellu sitt cifri, u f'xi mument bejn il-qari tal-meter u il-hrug tal-kontijiet sar zball. Dan il-process kien

[15] Xhieda registrata a fol. 133 tal-process.
[16] Xhieda registrata a fol. 134.
[17] Xhieda registrata a fol. 142

ghal kollox process ghall-intern tal-WSC minghajr l-involviment tal-konsumatur. Hija mmaterjali li kien hemm kont iehor, li thallas, ghaliex xorta wahda inhareg kont astronomiku dwar kontijiet gja imhallsin. Hija mmaterjali wkoll jekk il-fond kien mgharuf li kien domestiku jew kummercjali ghaliex il-kwistjoni kollha mhiex dwar ir-rati ta' hlas, imma dwar il-konsum tad-dawl, (b'sitt cifri minnflok b'hamsa).

“Il-Qorti issa ser tezamina il-bazi legali tat-tesi tal-attur.

“In sostenn tat-tezi tieghu, l-abbli difensur tal-attur ghamel riferenza ghall-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz *Carmelo Ciangura -v- George Borg noe et.* deciza fis-27 ta' Novembru 1998, liema sentenza ghaddiet in gudikat minghajr ma kien hemm appell minnha. Din il-kawza tittratta fatti kwasi identici in kwantu li l-attur kien qed ihallas regolarment il-kontijiet tad-dawl tal-istabbiliment kummerjcali li kien igestixxi u f'daqqa wahda sab ruhu rinfaccjat b'kont astronomiku ghall-perjodu li ghalih kien hallas regolarment. F'dik il-kawza, il-konsum kien jinqara b'hames cifri ghalkemm l-arlogg kien fih sitt cifri.

Dik il-Qorti sabet mertu fl-argument tal-attur u skartat l-argument tal-Enemalta fis-sens li l-*final reading* jghodd ghaliex altrimenti l-attur ikun qed jiehu beneficcju mill-konsum. Il-Qorti kkonsidrat li persuna _in bona fide_ ghandu dritt jirregola in-negozju tieghu fuq il-premessa li l-konsum kien tassew dak li kien qed jidher ghall-hafna snin "*Forsi li kien jaf li l-konsum kien ser jigi daqshekk, l-attur flok zewg bozoz kien jixghel wahda, jew forsi wkoll kien jaqtaghha li b'dawk l-ispejjez in-negozju ma kienx qed jirrendi bizzejjed u kien jaghlqu qabel biex ma jkabbarx telf.Il-konvenuti, izda hallew l-izball jikber u jakkumula ghal hafna snin u lill-attur ma hallewlux din il-possibilita`."* Il-Qorti issoktat li "*Naturalment dankollu jghodd biss jekk l-attur kien in bona fide ghax jekk kien jaf, jew imissu kien jaf - per ezempju, ghax jara li l-kontijiet kienu zghar wisq ghall-konsum li kien jahli - li qed isir xi zball u approfitta ruhu minnu, ma jistax jghid li kien l-izball tal-konvenuti li wasslu f'din is-sitwazzjoni*." Fl-ahhar il-Qorti iddecidiet li "*jekk l-attur ikun imgieghel ihallas l-arretrati tal-kontijiet, ikun qed isofri telf mhux previst bla ma jkollu rimedju biex jilqa' ghalih, u dan bi htija ta' zball li hadu il-konvenuti."*

“Din il-Qorti tikkondividi dan ir-ragunament. Il-Korporazzjoni Enemalta ghanda monopolju fuq l-ghoti tas-servizz tad-dawl u ghanda ukoll ir-responsabbilita` u obbligu lejn il-konsumatur li tohrog il-kontijiet korrettement. Il-konsumatur ghandu aspettattiva li l-kontijiet jinhargu b'mod akkurat gjaladarba il-meter ma jkunx la imbaghbas u lanqas bil-hsara. F'dan il-kaz, il kontijiet komplew jinhargu fuq qari b'hames cifri ghall-bosta snin, regolarment, wiehed wara l-iehor, minghajr diskrepanza jew inkonsistenza bejniethom u kien biss fl-ahhar, wara 4 snin, li l-Korporazzjoni intebhet li kien hemm zball.

“Tul dan il perjodu, l-attur, bhala negozjant, stante li l-fond kien wiehed kummercjali, kien qed jirregola in-negozju a bazi tal-infieq u spejjez li

kien qed jaghmel regolarment, inkluz il-kontijiet tad-dawl li kien qed jircievi u ihallas. Kellu erba' impjegati, fosthom *part-timers* u manager, u kien jghaddi il-kontijiet lill-accountant tieghu. Bhala spejjez rikorrenti, dawn bilfors jincidu fuq il-profitt tan-negozju, li fuqhom negozjant ghaqli jaghmel il-kalkoli u *projections* tieghu ghan-negozju. Tant hu hekk li malli ircieva l-kont rivedut u irrizulta li kien hemm zball fil-qari tal-meter da parti tal-meter readers tal-WSC (li gie ammess fid-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta) ha provvedimenti mill-ewwel billi naqqas il-freezers u pogga il-fond ghat-twellija ghaliex kien qed ibaghti telf.

“Din il-Qorti mhiex konvinta mill-ispjegazzjoni moghtija mir-rappresentanti tal-Water Services Corporation u l-allegat konfuzjoni bejn zewg kontijiet, wiehed tan-negozju u iehor ta’ appartament. Aparti li l-kwistjoni mhiex wahda ta' rati ta' elettriku (domestiku/kummercjali) imma wiehed ta' konsum ta' elettricku, xorta jirrizulta zball min-naha tal-WSC meta minnflok kont b'6 cifri hargu kont b' 5 cifri <u>ghall-erba' snin shah</u>. Esebew *report sheets* li, izda juru numri divergenti tal-meters (u ghalhekk jirreferu ghall-kontijiet differenti). Anke l-meter reader, Victor Delia, identifikat mill-Korporazzjoni bhala il-meter reader inkarigat bil-qari tal-meter tas-supermarket, xehed li r-report sheets ma kienux kollha miktubin minnu.

“Huwa cert li l-attur ma kellu ebda kontroll dwar il-procedura ta' qari, rapportar tal-qari, u hrug tal-kontijiet, liema procedura kienet kollha f'idejn u taht il-kontroll tal-impjegati tal-WSC bhala agent tal-Enemalta kif jirrizulta mill-istess skeda annessa mal-Att dwar L-Enemalta (Kap 272 tal-Ligijiet ta' Malta)[18] u li ghaliha l-istess Enemalta hija unikament responsabbli lejn il-konsumatur. Fl-ahhar mill-ahhar din il-Qorti tista’ biss torbot fuq il-kontijiet li ntbaghtu lill-konsumatur u mhux fuq l-*internal records* tal-Korporazzjoni li ma kienux riflessi fil-kontijiet, ghaliex fuq dawn il-kontijiet strah, u bil-fors kellu jistrieh, il-konsumatur biex jirregola il-posizzjoni finanzjarja tieghu.

---

[18] Skeda:" **1.** *Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma hija hawn maħtura fl-isem u għan-nom ta’ Enemalta biex teżerċita u taqdi kemm jista’ jkun fl-intier u b’mod effettiv fl-aspetti kollha bħal Enemalta stess dawk il-funzjonijiet kollha li huma jew jistgħu minn żmien għal żmien ikunu legalment mogħtija lil Enemalta dwar l-atti u l-ħwejjeġ li ġejjin, jiġifieri:*

*(a) li titlob, teħtieġ, tirċievi, taċċetta, tħassar, tirrinunzja u b’mod ġenerali tittratta ma’ garanzija, sigurtà, depożitu jew impriża dwar somom dovuti lil Enemalta għall-fornitura ta’ enerġija elettrika, kiri ta’ meter u servizzi (hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din l-Iskeda msemmija bħala "somom dovuti lil Enemalta");*

*(b) li tmexxi l-qari ta’ meters sabiex tiġi żgurata l-kwantità ta’ enerġija elettrika fornita u, meta applikabbli l-akbar talba;*

*(ċ) li żżomm kontijiet li juru s-somom dovuti lil Enemalta u li terfa’ kull kotba u dokumenti dwar jew li għandhom x’jaqsmu ma’ dawk il-kontijiet;*

*(d) li tiehu hsieb il-kalkolu, servizz u gbir ta’ kontijiet dwar somom dovuti;...."*

“Illi hawnhekk ilkaz mhux semplicement kaz ta' beneficcju mhux xieraq da parti tal-attur li, iva, gawda mill provvista tad-dawl, imma huwa kaz ta' responsabbilita` tal-konvenuti ghat-telf mhux previst li kkagunaw lill-attur minnhabba zball taghhom li ipperdurat fuq numru ta' snin.

“Izda hawnhekk din il-Qorti ghanda tezamina jekk l-attur kien in *bona fide* ghaliex altrimenti kien jipprevedi u jgharraf li l-kontijiet kienu zbaljati qabel ma dan gie avverat mill-Korporazzjoni u jiehu beneficcju ngustament .

“Fil-kaz in ezami, il-Korporazzjoni Enemalta ressqet dokumenti dwar kontijiet li kienu jirreferu ghall-*supermarket* iehor li kien gestit mill-istess attur qabel ma' fetah il-V & F Supermarket. Dan il-fond kien ftit izghar u kellu tghamir inqas. Madanakollu jekk wiehed jipparaguna il-kontijiet taz-zewg fondi mill-ewwel jinduna li hemm diskrepanza sostanzjali stante li juru li kien hemm konsum akbar fuq is-supermarket sitwat fil fond 59 Dingli St. Sliema. L-attur spjega li kien ihaddem *airconditioners* anke matul il lejl, filwaqt li ma kellux airconditioners fil V & F u kellu iktar refrigerators milli *freezers.*

“Il-prova ta' *mala fede* hija wahda serja u ma tistax tistrieh fuq semplici ipotesijiet jew kongettura. Il-Qorti taghti piz ghall-fatt li l-izball dam ghal tul ta' snin, li fih innifsu jinduci lill-konsumatur li jemmen li l-kontijiet huma regolarment mahrugin - meta wiehed jipparaguna kont attwali ma dak precedenti, u perjodu f'sena mal-istess perjodu f'sena antecedenti, kienu jikkombacjaw ma xulxin. Ma kien hemm xejn fil-kontijiet li seta jinduci lill-attur biex jithasseb meta ipperduraw bl-izball tul 4 snin u zgur li ma setax jipprevedi il-qabza fil-kont minn ftit mijiet ghall-eluf kbar. Il-meter kien korrett, ma kien hemm xejn hazin fih u wiehed jistenna li l-meter reader jaf x'inhu jaghmel u l-istess il-qasam tal-kontijiet tal-Korporazzjoni.

“Din il-Qorti mhiex ser tidhol fl-argument sollevat mid-difensur tal-attur li ghamel riferenza ghall-gurisprudenza dwar l-*actio de in rem verso* ghaliex mhix tal-fehma li din l-istituzzjoni tapplika ghall-kaz in ezami. Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija cara u inekwivoka fl-apprezzament taghha tal-elementi necessarji ghal-tali rimedju. Mhux bizzejjed li wiehed jafferma li din l-azzjoni isib il-bazi taghha fil-principju tal-ekwita imma "*Kien jokkorri li jigi ezaminat ulterjorment jekk l-elementi essenzjali kollha taghha jinsabux sodisfatti fil-fattispeci partikulari. Dawn l-elementi huma (i) l-arrikkiment, jigifieri li l-haga versata tirrizulta ta’ vantagg u utilita` ghall-arrikkit, (ii) il-vinkolu ta’ kawzalita' fis-sens li bejn il-fatt ta’ min jagixxi b’ din lazzjoni u bejn l-arrikkiment ikun hemm l-istess rapport ta’ bejn kawzali u l-effett taghha, u (iii) il-karattru ngust ta’ l-arrikkiment.* "[19]

[19] **Amm. Wilbrahim Tennyson Ford *nomine* -vs- George Galea**”, Appell Civili, 29 ta’ Jannar 1940, Kollez. Vol. XXX P. I p 466).

"Inoltre "Illi l-azzjoni tentata mill-attrici hija "*l'azione sussidiaria de in rem verso [che] si concede nei casi nei quali non e esperibile l' azione ex contractu ed ha fondamento e limite nel vantaggio recato al terzo; per cui ove tale vantaggio mancasse tale azione non sarebbe esperibile" [App.C.* **Giuseppe Scicluna vs Burges Watson** *[1901]* 5 Vol.XVIIIA.I.26[20]

"Illi fil-kaz in ezami ma kienx hemm xi versament fil-patrimonju tal-attur. Anzi, pjuttost l-oppost ghaliex effettivament hija l-Enemalta li qed tissubixxi telf konsistenti f'provvista ta' dawl minghajr hlas. Izda fic-cirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuti ghandhom ibaghtu il-konsegwenzi tal-izball taghhom u jassumu ir-responsabbilita vis-a-vis l-attur/konsumatur li ma kellu ebda htija f'dan il-kaz in ezami u li m'ghandux ikun kostrett, ghalhekk, li isofri telf mhux previst, bla ma jkollu ebda rimedju biex jilqa' ghalih, minnhabba in-nuqqasijiet ta' haddiehor.

"Ghalhekk l-ewwel talba ghanda tintlaqa'.

"Dwar it-tieni talba gjaladarba l-attur m'ghandu jaghti xejn fuq il-kontijiet tad-dawl in ezami, isegwi li l-konvenuti, ma jkunux jistghu jaqtaghulu il-provista tad-dawl jew jiehdu passi punittivi kontrih talli ma jhallasx l-arretrati u din it-talba, in kwantu li logikament issegwi mill-ewwel talba, tista' tintlaqa'.

"Illi dwar l-eccezzjonijiet issollevati mill-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma in kwantu li hi agixxiet bhala mandatarja tal-Korporazzjoni Enemalta u talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, din il-Qorti ma tistax tilqa' din l-eccezzjoni in kwantu li l-WSC, proprju bhala mandatarja tal-Enemalta, kienet responsabbli ghall-qari tal-meters, rapportar tal-qari u hrug tal-kontijiet in kwistjoni u b'hekk responsabbli ghall-izbalji li sehhew f'dan il-kaz lejn l-attur u ghalhekk m'ghandhiex tinheles mill-osservanza tal-gudizzju."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Korporazzjoni Enemalta li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minna esposti, talbet illi din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar 2013 billi tilqa' dan l-appell u tiċħad it-talbiet kollha tal-attur

[20] Ara wkoll id-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **Josephine Gusman v Anthony Agius et.**, deciza fil-21 ta' Jannar 2004 (PA NC) Citazz. 1079/1994

u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-attur.

Rat ir-risposta tal-appell u l-appell inċidentali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li in forza tagħhom, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell u tirrevoka u tikkanċella dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi, fejn l-imsemmija Qorti iddeċidiet li l-istess korporazzjoni hija responsabbli għall-iżbalji li seħħew f'dan il-każ lejn l-attur u għalhekk m'għandhiex tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju, u anke ddeċidiet li l-istess korporazzjoni għandha tħallas nofs l-ispejjeż, u konsegwentement tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-korporazzjoni, tiċħad it-talbiet kollha tal-attur fil-konfront tal-istess korporazzjoni u tillibera lill-istess korporazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-attur appellat.

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Jirriżulta f'dan il-każ li għall-erba' snin bejn l-1990 u l-1994 l-attur, bħala sid ta' *supermarket*, ġewwa tas-Sliema, kien regolarment jirċievi u jħallas il-kontijiet tad-dawl u ilma. Irriżulta li dawn il-kontijiet kienu jinħarġu b'indikazzjoni żbaljata tal-konsum, u dan minħabba żballji effettwati mill-impjegati tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-qari tal-meter tad-dawl. Meta l-Korporazzjoni indunat bl-iżball, talbet il-ħlas tad-differenza bejn il-kont reali u dak imħallas (Lm11,720), iżda l-attur irrifjuta li jħallas, u baqa' jżomm ferm il-posizzjoni tiegħu nonstante korrispondenza twila li għaddiet bejn il-partijiet, u offerta mill-korporazzjoni konvenuta li tnaqqas Lm1,000 mill-kont. Peress illli l-Korporazzjoni konvenuta intimat li kienet se tissospendilu s-servizzi li toffri, l-attur fetah din il-kawża fejn, in prinċipju, talab dikjarazzjoni li hu ma għandu jagħti xejn aktar lill-konvenuti.

L-ewwel Qorti aċċettat it-teżi tal-attur u qalet li hu irregola n-negozju tiegħu fuq bażi tal-kontijiet li kien jirċievi, u l-ispiża li kien jagħmel fin-negozju kien influenzat bil-kontijiet baxxi li kien jirċievi għas-servizzi ta' dawl u ilma. Ma hux ġust, osservat l-ewwel Qorti, li negozjant in bona fede jiġi ppreġudikat għall-kalkoli li għamel a bażi tal-kontijiet li kien jirċievi.

Il-Korporazzjoni Enemalta appellat mis-sentenza, għax issostni li il-attur ma kienx in bona fede, u ma għandux jitħalla jistgħana inġustament minħabba żball ta' ħaddieħor.

Trattat l-appell, din il-Qorti tgħid li hi tasal biex taqbel mal-aggravji tal-Korporazzjoni appellanti.

Mhux eskluż li sar żball mill-impjegati tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, liema żball pero`, ma sarx mill-Korporazzjoni appellanti, li allura ma għandhiex issofri preġjudizzju minħabba żball ta' ħaddiehor.

Darba irriżulta li sar żball, u l-kont il-ġdid jirrifletti l-konsum attwali li ttieħed minn dan il-fond, id-differenza trid titħallas – ara **Bathroom Design Ltd. v. Enemalta Corporation**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Jannar, 2003.

Apparti dan, din il-Qorti taqbel li l-attur ma kienx in bona fede. Kien jaf jew messu kien jaf li l-kontijiet kienu qed joħorġu żbaljati, u m'għandux jitħalla japprofitta ruħu minn żball li kien induna bih. Hu kien imexxi żewġ *supermarkets* u kien jinduna li kien hemm diskrepanza sostanzjali bejn il-kontijiet fuq iż-żewġ stabbilimenti. L-accountant tal-attur xehed li, fir-rigward tal-kontijiet tas-*supermarket* in kwistjoni, il-konsum irreġistrat ma kienx kompatibbli ma' negozju ta' *supermarket*, "*u naħseb li s-Sur*

*Spiteri kien jaf li mhux qed iħallas konsum ta' supermarket*". Hemm ukoll allegazzjoni, miċħuda mill-attur, li xi drabi l-*meter* kien ikun ostakolat b'merkanzija tal-attur. Fid-dawl tal-premess, hu ċar fil-fehma tal-Qorti, li l-attur kien jara li l-kontijiet kienu zgħar wisq għall-konsum li kien jaħli, u allura jaqa' l-benefiċċju li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **Ciangura v. Borg**, li għaliha irrferiet l-ewwel Qorti, tat lin-negozzjant in bona fede.

L-attur kien familjari sew mal-ġesjoni tas-*supermarkets*, u bl-esperjenza li kellu fin-negozju kellu jinduna li l-kontijiet li kien qiegħed iħallas fuq il-fond meritu ta' din il-kawża kienu irreali u ma jirriflettux il-konsum li verament kien qiegħed isir fil-fond in kwistjoni. Jekk jitħalla ma jagħmilx tajjeb għal dan l-iżball, ikun qed jistgħana inġustament a skaplitu ta' ħadd ieħor.

Dan m'għandux jitħalla li jsir. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Spiteri v. Mifsud**, deċiża fit-28 ta' April, 1998, żball ta' xi ħadd m'għandux jissarraf fi gwadan inġustifikat. F'dik il-kawża l-attur għamel xogħol ta' appalt lill-konvenut u meta lesta, il-perit kejjillu x-xogħol, ħareġ kont u l-konvenut ħallsu "*in full and final settlement*". Wara, l-attur induna li l-perit bi żball ma kienx kejjillu x-xogħol kollu li għamel, u l-perit ħariġlu kont ieħor bħala żieda mal-ewwel kont. Talba għall-ħlas ta' dan

il-kont addizzjonali ġiet milqugħa għax altimenti l-konvenut jagħmel gwadan inġust – *nemo licet locupletari ad aliena jactura*.

Il-fatt li l-Korporazzjoni appellanti ħadet erba' snin biex tinduna bl-iżball mhux ta' ostakolu għat-talba tagħha għall-ħlas. Erba' snin mhux xi żmien irraġonevoli, u hu mistenni li l-Korporazzjoni, li tieħu ħsieb il-konsum ta' Malta u Għawdex kollu, li tieħu ż-żmien tagħha biex tivverifika *readings* partikolari kienux qed jittieħdu bi żball jew le. Kwindi, ma tarax li dan id-dewmien jista' b'xi mod jgħin lill-attur.

Dwar il-fatt li l-attur għamel il-kalkoli tan-negozju tiegħu a bażi tal-kontijiet li kien jirċievi, ġia` rajna li l-attur kellu jkun jaf li l-kontijiet kienu żbaljati, u jekk ħass li kellu jirregola ruħu a bażi ta' kontijiet żbaljati, *imputet sibi*.

Fir-rigward tal-appell inċidentali tal-Korporazzjoni tas-Servizz tal-Ilma, għandu jingħad li fil-waqt li hu veru li l-iżball jikkonċerna biss il-provvista tal-kurrent elettriku, l-iżball sar, kif anke innutat l-ewwel Qorti, mill-ħaddiema ta' din il-Korporazzjoni, u għalhekk, m'għandhiex tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, u għalkemm it-talbiet tal-attur se jiġu miċħuda, hi għandha tbati parti mill-ispejjez, għax kien żball tagħha li wassal għal dan id-diżgwid.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-Korporazzjoni Enemalta billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u minflok tghaddi biex tiċħad it-talbiet attriċi.

L-ispejjeż kollha tal-kawza jitħallsu kwantu għall-erba' partijiet minn ħamsa ($^{4}/_{5}$) mill-attur, u parti minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df